# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa 7 ta' Awissu, 2020**

**Rikors Numru 435/20TA**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 575/2020 fl-ismijiet:-**

**Mark Schembri & Sons Limited (C-9425)**

**vs**

**Emanuel Pace (K.I. Nru 02251M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Emanuel Pace (ir-rikorrent) tal-15 ta' Ġunju 2020;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Mark Schembri & Sons Limited (is-Soċjeta' intimata) tas-27 ta' Lulju 2020;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera;

## Konsiderazzjonijiet

Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li permezz tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri, is-Soċjeta' intimata issekwestrat fondi li jinsabu f'kont bankarju mal-HSBC Plc, li l-provenjenza tagħhom ġejja minn flejjes tal-pensjoni tar-rikorrent. Jilmenta għalhekk li dan il-mandat sar bi ksur tal-artiklu 381(1)(b) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti eżaminat il-ftit provi li tressqu f'dawn l-atti. Fost dawn il-provi rendikont tal-pensjoni għas-sena 2019 (ara a' fol 3). Forsi kien ikun aħjar li ġew presentati d-dokumenti bankarji. Iżda dan ciononostante irid jiġi osservat dan li ġej.

Huwa minnu li skont artikolu 381(1)(b) fuq imsemmi jagħmilha ċara li bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali, li d-debitur jagħmel tajjeb għad-debiti tiegħu bi ħwejġu presenti u futuri, il-pensjoni ma hiex sekwestrabbli. Iżda kif intqal minn dawn il-Qrati dak li tipprovdi l-liġi b'mod ma għandux ikun estiż għal sitwazzjonijiet oħrajn ħlief dik strettament imsemmija mil-liġi. (ara Sentenza fl-ismijiet Antonio Pule' -vs- Giuseppe Borg tal-Prim Awla tat-28 ta' Ottubru 1927).

Skont din il-Qorti dan l-artikolu, safejn jirrigwarda protezzjoni tal-pensjoni, jindirizza ċ-ċirkostanza meta d-Direttur tas-Servizzi huwa indikat bħala sekwestratarju u l-assi jkunu għadhom f'idejh u mhux meta jkunu laħqu daħlu f'kont bankarju. Fis-sistema ta' kif kienu jsiru l-pagamenti sa ftit

żmien ilu, billi jintbagħat cheque lill-benefiċjarju,  il-pensjoni ma setgħetx tinżamm f'idejn id-Direttur qabel ma kien jibgħat dan il-ħlas.

Sa fejn jirrigwarda s-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti ssir referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-2 ta' Novembru 2011, Avviż Nru 314/2011 fl-ismijiet 'Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis u Lorry Theuma'.  Il-Qorti ċaħdet rikors simili għal dak odjern u sostniet:

"Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jirċievi minn Gvern barrani iżda fuq l-uniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti jippossjedi.  Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tiġi depositata direttament fl-istess kont u għalhekk tiġi soġġetta għall-mandat in eżami.  Minħabba f'hekk, ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi li a bażi tagħha tista' tilqa' t-talbiet magħmulin mill-istess rikorrenti" (Din is-Sentenza segwiet it-tagħlim ta' Sentenza oħra fl-ismijiet Tabib Prinċipali tal-Gvern -vs- Hazel Pannel tal-QA, per Imħallef Philip Sciberras tas-27 ta' Marzu 2009).

Għalhekk il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza mal-posizzjoni tar-rikorrent, ma għandha ebda triq oħra ħlief li tiċħad it-talbiet tiegħu għaliex ma humiex attendibbli fil-liġi.

Għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħdha tiddisponi mir-rikors tar-rikorrent tal-15 ta' Ġunju 2020 billi tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fl-imsemmi rikors.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes jibqgħu bla taxxa.

**Mogħti kameralment illum, 7 ta' Awissu, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**